**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, l-1 ta' Frar 2021**

**Talba Nru: 7/20 CZ**

**Strand Palace Agencies Limited (C 3838)**
**vs.**

**John Falzon**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-14 ta' Jannar 2020 fejn talbet minghand il-konvenut il-hlas ta' elf, tmin mija u tnax-il Euro u sittax-il centezmu (€1,812.16) bhala ammont dovut lis-socjeta' attrici ghall-merkanzija minnha mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut gewwa Donna's Kiosk (statement anness Dok. A).

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra interpellatorja tat-22 ta' Frar 2019, tal-ittra ufficcjali mahruga skond Artikolu 166A tal-Kap. 12, u b-imghax legali mis-7 ta' Novembru 2018, data tal-ahhar fattura sal-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2021.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tmin mija u tnax-il Euro u sittax-il centezmu (€1,812.16), bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet kif mitluba, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur